MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 221/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Evan Mamo**

I1-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Evan Mamo talli naqas milli jhallas lil Carmen Mamo is-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fil-gimgha, dovuti bhala manteniment pagabbli kull gimgha ghal perjodu bejn it-8 ta' Lulju 2002 u s-27 ta' Novembru 2002 liema manteniment hu pagabbli skond ordni ossija digriet bin-numru 1751/2000 moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Dicembru 2000;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Novembru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Evan Mamo

hati skond l-imputazzjoni izda limitatament ghall-perjodu mis-16 ta’ Settembru 2002 sas-27 ta’ Novembru 2002 u kkundannatu ghal tliet gimghat detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Evan Mamo pprezentat fid-19 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi, jew, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu hames aggravji. Permezz ta' l-ewwel aggravju jsostni li d-digriet tas-Sekond'Awla numru 1751/2000 li a bazi tieghu ttiehdu l-proceduri odjerni ma baqax *in vigore* u ghalhekk ma setax jinstab hati. L-appellant jghid li wara li nghata l-imsemmi digriet, martu qatt ma talbet proroga ta' l-istess digriet u lanqas ma ntavolat citazzjoni fit-terminu preskritt. Dan il-punt gie deciz diversi drabi minn din il-Qorti. Hekk, per ezempju, fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Mallia** deciz fit-8 ta' Mejju 1998, intqal testwalment hekk:

**"Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tispjega aktar minn darba, ghall-finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9, hu rrelevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali; galadarba l-ordni kkontenut f'dak id-digriet ma kienx espressament irrevokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla (u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kolla ta' l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali - ara f'dan is-sens *Il-Pulizija v. Lawrence***

***Cilia*, App. Krim. 10/3/95, u *Il-Pulizija v. Carmelo Farrugia*, App. Krim. 23 ta' Jannar 1998 (App. Nru. 161/97)."**

U fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Raymond Cutajar,** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Settembru 1999, gie ritenut hekk[1]:

**"Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'digriet moghti skond il-proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 470 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili … jibqa' validu, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, irrispettivament minn jekk ic-citazzjoni quddiem il-Prim'Awla gietx intavolata o meno, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li dak id-digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim 'Awla, u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null. Ghall-finijiet tal--imsemmi Artikolu 338(z) hu bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova (i) li nghata ordni minn qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-digriet, bhalma sar f'dan il-kaz jew, kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva) u (ii) li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni, kellha tithallas is-somma. Ikun jispetta, imbaghad, ghall-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni."**

Din il-Qorti kif presjeduta taqbel ma din il-gurisprudenza kostanti u ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

Skond it-tieni aggravju ta' l-appellant, la darba fil-mori tal-kawza huwa ghamel il-hlas effettiv, il-konsegwenza legittima kellha tkun l-estinzjoni ta' l-azzjoni. Permezz tat-

[1] Ara wkoll, fost ohrajn, dawn l-Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Noel Borg**, 11 ta' Marzu 2003; **Il-Pulizija v. Marco Attard**, 1 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Nazzareno Carabott**, 30 ta' April 2004

tielet aggravju tieghu mbaghad jghid li la darba martu accettat il-pagament ghall-perijodu koncernat, il-konsegwenza legittima kellha tkun li hawn si tratta ta' rinunzja tacita ghall-azzjoni kriminali. Dawn iz-zewg aggravji huma infondati. Ir-reat kontemplat fil-paragrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9 huwa reat kontra l-ordni pubbliku, u mhux reat kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta`. Min jikkommetti dan ir-reat ikun qed jisfida mhux lill-parti l-ohra fiz-zwieg, izda lill-istess Qorti li tkun ghamlet l-ordni ghall-hlas tal-manteniment[2]. Ir-reat isehh meta, skond l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi, ma jsirx il-hlas tal-manteniment fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond ordni ta' Qorti (jew illum ukoll skond kif stipulat f'kuntratt), kellu jithallas dak il-manteniment. Konsegwentement, jekk isir il-hlas tal-manteniment wara l-perijodu msemmi ta' hmistax-il jum, la jista' wiehed jitkellem fuq estinzjoni ta' l-azzjoni u lanqas ta' rinunzja ghall-azzjoni kriminali. B'hekk dawn iz-zewg aggravji huma michuda wkoll.

Permezz tar-raba' aggravju tieghu l-appellant qieghed jinvoka l-principju tan-*ne bis in idem* kif ukoll dak li jiddisponi l-artikolu 527 tal-Kap. 9 u dan in vista ta' zewg sentenzi ta' l-ewwel Qorti ta' l-10 ta' Novembru 2003 f'ismijiet identici, cioe` kontra l-appellant odjern, identifikabbli ahjar bil-kliem *"limitatament ghall-perijodu mit-28 ta' Settembru 2001 sat-18 ta' Novembru 2001"* u *"limitatament ghall-perijodu mis-16 ta' sas-27 ta' Settembru 2001"*. Dan l-aggravju huwa wkoll infondat peress illi l-perijodi koperti mill-hames sentenzi li nghataw fil-konfront ta' l-appellant huma in effetti perijodi differenti. Ghall-kjarezza din il-Qorti se tirreferi ghalihom f'ordni kronologiku:

Appell Nru 225/03 - mit-8 ta' Frar 2001 sa l-10 ta' Mejju 2001
Appell Nru 224/03 - mis-16 ta' Settembru 2001 sas-27 ta' Settembru 2001
Appell Nru 222/03 - mit-28 ta' Settembru 2001 sat-18 ta' Novembru 2001

---

[2] Ara f'dan is-sens Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Carmelo Bigeni**, 6 ta' Marzu 2001.

Appell Nru 221/03 - mis-16 ta' Settembru 2002 sas-27 ta' Novembru 2002
Appell Nru 223/03 - mit-28 ta' Novembru 2002 sa l-4 ta' Frar 2003.

Ghalhekk anke r-raba' aggravju huwa michud.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. Jghid li din kienet eccessiva u, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, jimmerita temperament fis-sanzjoni nflitta. Issa, kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Jirrizulta li fil-mori tal-kawza l-appellant u martu ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali u fil-fatt fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2005 Carmen Mamo, mart l-appellant, iddikjarat li ma kellhiex aktar interess li tkompli tipprocedi kontra l-appellant. Ghalhekk jidher li "l-ghan tal-legislatur" intlahaq u, in vista ta' dan l-izvilupp pozittiv li ntlahaq biss fl-istadju ta' l-appell, hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament kif ser jintqal, u cioe` billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu limitatament ghall-perijodu mis-16 ta' Settembru sas-27 ta' Novembru 2002, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal tliet gimghat detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' ghaxar liri Maltin (Lm10).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------